### GRAJJIET, DRAWWIET, TIFKIRIET

# Id-Damaxxena — knisja u xbiha

**Meta l-Kavallieri tal-Ordni Ġerosolmitan, mirbuħa minn Soliman II fl-1522, kellhom iħallu l-gżira ta' Rodi, li kienu ilhom fiha mill-1309, huma ġarrew magħhom ukoll mal-4,000 Grieg kattoliku minn Rodi. Xi storiċi jgħidu li dawn ġrew għal 8 snin mal-Kavallieri sakemm fl-aħħar, fl-1530, waslu Malta. Storiċi oħra jgħidu li għadd kbir minn dawk l-4,000 waqfu f'xi bliet tal-Italja, u mal-Kavallieri waslu Malta inqas minn 100 familja. Dak li nafu żgur hu li fl-1575 f'Malta kien hawn biss xi 74 familja, li jagħmlu mat-350 jew 400 ruħ. Dan insibuh miktub fil-Viżta Apostolika ta' Mons. Dusina.**

*(Minn Mons. Prof. A. Bonnici)*

**IL-GRIEGI FIL-BIRGU**

Lil dawn il-Griegi ingħatawlhom tlett knejjes żgħar fil-Birgu, fejn marru għammru wkoll għall-ewwel il-Kavallieri, ħalli fihom setgħu jagħmlu l-funzjonijiet reliġjużi tagħhom fir-Rit Grieg jew Orjentali. Dawn il-knejjes kienu dik ta' S. Katerina, li bdiet tissejjaħ tal - Madonna Damaxxena, għaliex fiha tqegħdet ix-xbiha mirakoluża tal-Madonna Damaxxena li l-Kavallieri ġiebu magħhom minn Rodi, il-knisja ta' Sant'Agta li ssejħet ta'



San Nikola, qaddis meqjum ħafna fost il-Griegi, u dik ta' San Nikola li bdiet tissejjaħ ta' San Ġorġ. Minn dawn il-knejjes ma fadalx ħlief dik tad-Damaxxena, li flokha llum hemm il-Kappella ta' San Gużepp: l-oħrajn ġew profanati.

F'din il-kappella jinżammu b'għożża kbira il-kappell u x-xabla li La Vallette, b'qima u ħajr offra lill-Madonna Damaxxena wara r-rebħa kbira tal-Ordni u tal-Maltin fuq it-Torok fl-1565.

Meta, fl-1566, bdiet tinbena l-Belt Valletta, il-Griegi bdew jaħsbu biex huma wkoll ikollhom il-knisja tagħhom fil-Belt il-Gdida. Fl-1569, il-Kunsill tal-Ordni tahom biċċa art biex jibnu fuqha dik il-knisja. L-ewwel biċċa art li tawhom kienet fejn illum hemm il-knisja konkatedrali ta' San Gwann: iżda huma kellhom iċeduha lura ħalli fuqha tinbena l-Knisja Konventwali l-Kbira. L-Ordni tahom minn flokha l-art fejn illum hemm il-knisja ta' San Nikola, jew, kif insibuha aktar, tal-Erwieħ, li nbniet bit-tħabrik taż-żewġ kappillani jew papassi griegi, l-aħwa Angolinu u Manoli Metaxi.

**IL-KNISJA TAD-DAMAXXENA**

Ftit snin wara wieħed rodjot — Gwanni Calamia — ħalla legat biex tinbena knisja oħra. L-art magħżula kienet aktar fiċ - ċentru, sewwa sew quddiem il-bieb laterali tal-Palazz Maġisterjali. Il-bini beda fl-1575 u ntemm ħames snin wara. Fl-1587 ittieħdet fih il-Madonna Damaxxena. Fl-istess sena l-Isqof Gargallo għolleha għal grad ta' parroċċa.

Il-Grammastri kellham għal qalbhom dik il-knisja u l-Madonna tagħha. Il-Grammastru Nikola Cottoner fl-1678 bniha f'sura ġdida, il-Grammastru Carafa, 10 snin wara, bena artal xieraq għall-kwadru tal-Madonna.

Fl-aħħar gwerra, il-knisja saritilha ħsara kbira u nbniet, għalhekk, waħda ġdida, fuq pjanti u disinji differenti minn ta' qabel. Illum, il-knisja tidħol għaliha minn portiku fuq żewġ kolonni, magħluq b'kanċell tal-ħadid. Il-bibien tal-bronż juru ġrajjiet mill-ħajja ta' Kristu f'24 kwadrett jew "panel" u taħt l-4 simboli tal-evanġelisti; Jixbħu lil dawk tal-katidral normann biżantin ta' Monreale. Fuq il-bieb hemm możajk juri lil Kristu bi ktieb miftuħ f'idu bil-kitba griega "Jien hu l-Bieb".

Fil-fond tal-knisja tilmaħ 'il fuq il-kwadru prezzjuż tal-Madonna Damaxxena u taħtha l-Kurċifiss. Quddiemhom, hemm tribuna żgħira li minnha tinżel imdendla l-ħamiema flok it-tabernaklu, biex fiha jinżamm is-Santissmu. Taħtha hemm artal kwadru, b'żewġ kandelabri bi tlitt brazzi l-wieħed u biċċa drapp, bħal korporal tagħna, li fiha hemm meħjuta relikwija ta' qaddis u sservi flok l-irħama tal-artal fil-knejjes latini. Mal-ġnub tal-artal, f'daħliet għalihom, hemm żewġ gradenzi, fuq dik tax-xellug jitħejja dak li jenħtieġ għall-quddiesa; fuq dak tal-lemin jitqiegħed l-ilbies taċ-ċelebrant.

Il-parti tal-artal, li aħna nsejħu l-presbiterju, li titla' għaliha b'tarġiet, hi mifruda mill-parti tal-fidili b'ħajt tal-ġebel imnaqqax imsejjaħ "ikonostasi", għax miegħu hemm impittrin, f'arkati, erba' xbihat (ikon) tal-qaddisin. Tidħol għaliha minn tlett bibien. Dak tan-nofs hu bieb doppju, li fih ix-xbiha tal - Madonna imħabbra mill-Anġlu u taħtha l-erba' Evanġelisti. Kwadri oħra jgħattu l-ħitan, u taħthom hemm is-sedi għall-kanturi. Hemm ukoll żewġ leġiji: wieħed bix-xbiha ta' Kristu u l-ieħor bix-xbiha tal-Madonna, li lejhom in-nies jersqu b'devozzjoni kbira ħa jagħtuhom ġieħ.

**IL-KWADRU MIRAKOLUŻ**

Għalkemm ċkejkna, il-knisja hi grazzjuża ħafna u

(Ikompli fil-panġa 9)

# ID-DAMAXXENA — KNISJA U XBIHA

(Jaqbad mill-paġna 3)

tiġbdek, speċjalment fil-funzjonijiet reliġjużi, li għalina huma misterjużi. Iżda l-aktar ħaġa prezzjuża fiha hi l-kwadru li semmejna, tal-Madonna Damaxxena. David Talbot Rice, Professur tal-"Belle Arti" fl-Università' ta' Edinbirgo, mħarreġ sewwa fl-arti biżantina, sejħilha: "ħaġa ta' sbuħija kbira u ta' mportanza storika barra minn espressjoni ta' fidi". Mhux ta' b'xejn il-Gvern Malti, fl-1965, biex ifakkar l-Assedju l-Kbir, ħareġ bolla bix-xbiha tagħha; u l-Ordni Sovran ta' Malta, fil-Milied tal-1972, ħareġ bolla hu wkoll bl-istess xbiha; u fl-1970, il-kwadru tad-Damaxxena tqiegħed f'post prominenti fil-Wirja tal-Ewropa, li saret hawn Malta.

Ga għedna kif il-Kavallieri ġarrewha magħhom minn Rodi u qegħduha fil-knisja li wara ssejħet għaliha. Meta fl-1587 ħaduha fil-Belt il-Gdida, saritilha festa l-aktar kbira li għaliha kien hemm għadd kbir ta' Kavallieri u Maltin preżenti. Garrewha mill-Birgu għall-Belt fuq l-isbaħ galljun li kellhom, imżejjen kollu bid-damask aħmar u bil-bnadar. Fil-Belt kien hemm jistennewha l-Grammastru Ugo de Loubenz Verdala mal-Kavallieri u mal-Gran Prijur tal-Ordni Mons. De Dominici, imlibbes bi lbies pontifikali flimkien mal-kleru tiegħu, mal-kleru grieg libsin il-paramenti sagri, u mal-kleru tal-Gżira flimkien ma' kotra kbira ta' nies. Waqt il-proċessjoni daqqew il-qniepen kollha tal-knejjes ta' Malta u l-artillieri sparaw it-tiri mill-fortizzi tal-Gżira.

### IL-PROĊESSJONI TA' RXOXT

Il-Maltin dejjem urew devozzjoni lejn il-Madonna Damaxxena u ħassew ġibda lejn il-knisja ċkejkna tagħha, speċjalment fil-festa tal-Madonna Mtellgħa s-Sema, li hi t-titular, u dik tal Epifanija. Dawn isiru fil-knisja biss, b'sollennita' kbira. Iżda żgur li s-sollennita l-aktar magħrufa, għax issir barra u ġewwa, kienet, il-festa tal-Għid. Famuża l-proċessjoni li jagħmel il-Papas bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt. Ħafna nies dari kienu jqumu mat-tlieta ta' filgħodu għal dik il-proċessjoni, li fiha kienet issir il-"ġirja" bl-Irxoxt. Kienu jmorru jistennew quddiem il-bieb tal-knisja u meta jsir il-ħin, jgħajtu: "Aprite, Papasso — Iftħilna, Papas!" Il-Maltin kellhom ukoll d-drawwa li, meta xi tifel ikun ma' id, jew xi ftit imqareb iżżejjed, kienu jeħduh għand il-Papas biex jaqralu l-Vanġelu fuq rasu. ħa jfieq jew jikkwieta. Kelli zijuwi, kien sikwit jagħmel din ir-rakkomandazzjoni lill-ħbiebu għal uliedhom. Lili ma bagħatni qatt għand il-Papas.

Niftakar sewwa fl-inkoronazzjoni tal-Madonna Damaxxena fl-1931, f'għeluq il-ħmistax-il ċentinarju tal-Konċilju ta' Efesu (431), li fih ġiet iddikjarata sollennement il-Maternita' Divina tal-Madonna, fost ferħ kbir tal-poplu nisrani. Qabel l-inkoronazzjoni saret proċessjoni sollenni minn San Gwann għal fuq il-Fosos, li ftit drabi oħra raw nies daqs dakinhar. Fil-kamra tal-udjenza privata tal-Arċisqof hemm kwadru kbir tawwali li juri dik il-folla kbira: titgħaxxaq tħares lejh! Jiena ħadt sehem f'dik il-proċessjoni u l-funzjoni ta' warajha: u saret, (tistagħġbux) imħatra fuqi. Isimgħu għaliex. Dak inhar issehem tiegħi kien doppju: l-ewwel akkompanjajt mat-tfal tal-Kandlora għax kont Direttur tagħhom; kif wasalthom ħdejn it-tribuna, dħalt imgħaġġel għal San Gwann, biex nilbes l-ispelliza u nżomm il-baklu tal-Arċisqof fil-proċessjoni: għax, dak iż-żmien, l-aħħar żewġ impjegati fil-Kurja kien ikollhom jagħmlu kruċifru u bakularju. Illum dik id-drawwa nqatgħet. Mela l-għada ġew żewġt iħbieb fuqi u qaluli: "Aqtalna kurżita, għax għamilna mħatra fuqek". Qbiżt jien u għidtilhom: "Sa fejn naf jien, l-imħatri jsiru fuq iż-żwiemel u mhux fuq il-bnedmin". Għal mument, kont insejt li jsiru wkoll fuq il-"ħmir". "Int il-bieraħ," staqsewni f'daqqa t-tnejn, "ma min akkumpanjajt mal-Istitut jew mal-Isqof? Inzerta wieħed rani mal-Istitut u mhux mal-Arċisqof u l-ieħor il-kuntrarju. Qbiżt jien ħelu ħelu u għedtilhom: "L-imħatra irbaħtuha u tliftuha t-tnejn: għaliex kont mal-Isqof u mat-tfal: mhux għax jien xi qaddis bid-don tal-ubikwita', iżda għax għadni ħafif u ma niskartax it-tbatija". Illum ma għadnix ħafif bħal dari!

Jiena niftakar tliet Papassi: lil Franġisku Chetta Schiro', bit-tomna ta' papas f'rasu u bid-daqna, lil neputieħ, jew ma nafx x'jiġi minnu, bl-istess kunjom, Giorgio Schiro', b'xagħru twil, bid-daqna u bit-tomna hu wkoll, u l-Papass tallum Vito Borgia, li rrid niżżieħ ħajr talli, malli qalulu li jien mort sal-knisja tiegħu nitkixxef xi ħaġa fuqha, niżel malajr bi kwadru ċkejken riproduzzjoni tad-Damaxxena u b'deskrizzjoni li għamel hu tal-kwadru wara r-restawr li sarlu bit-tħabrik tiegħu fis-snin 1963-66 mill-Istitut Centrali tar-Restawr f'Ruma, u qagħad jispjegali xi ħwejjeġ li ma kontx naf. Grazie, Signor Papasso.